# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.50

## REGOLAMENTI DWAR MANIĠĠAR TA' SKART (MANIĠĠAR TA' SKART MILL-INDUSTRIJI TA' ESTRAZZJONI U RDIM)

30 ta' Mejju, 2010*

*L-AVVIŻ LEGALI 22 tal-2009, kif emendat bl-Avviż Legali 216 tal-2011 u bl-Att XXXIII tal-2024.*

Tqassim tar-regolamenti


| | | Regolamenti |
|---|---|---|
| Taqsima I | Disposizzjonijiet Ġenerali | 1 - 5 |
| Taqsima II | Tipi ta' Faċilitajiet ta' l-Iskart | 6 |
| Taqsima III | Faċilitajiet ta' l-Iskart Kategorija A | 7 - 15 |
| Taqsima IV | Faċilitajiet ta' l-Iskart Kategorija B | 16 |
| Taqsima V | Faċilitajiet ta' l-Iskart Kategorija Ċ | 17 - 20 |
| Taqsima VI | Inventarju ta' Faċilitajiet ta' l-Iskart Magħluqa | 21 |
| Taqsima VII | Rdim ta' Spazji Mħaffra | 22 - 26 |
| Taqsima VIII | Rimi f'Korp ta' l-Ilma li Jirċievi | 27 |
| Taqsima IX | Infurzar | 28 - 32 |


*Ara r-regolament 1(2) kif oriġinarjament promulgat, u l-Avviż Legali 318 tal-2010.

## TAQSIMA I

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Maniġġar ta' Skart (Maniġġar ta' Skart mill-Industrijī ta' Estrazzjoni u Rdim).

Skop.

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jġibu fis-seħħ id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2006/21/KE* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE#.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu miżuri, proċeduri u gwida sabiex jiġi prevenut jew imnaqqas kemm jista' jkun kull effett negattiv fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq l-ilma, l-arja, il-ħamrija, il-fawna, il-flora u l-pajsaġġ, u kull riskju għas-saħħa tal-bniedem li huma kkawżati b'riżultat ta' l-immaniġġar ta' l-iskart mill-industriji ta' estrazzjoni jew bl-irdim ta' spazji mħaffra.

L.S. 549.63

(3) Dawn ir-regolamenti jipprovdu miżuri addizzjonali, proċeduri u gwida ma' dawk li hemm fir-Regolamenti dwar l-Iskart.

Tifsir.

**3.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap. 549.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

L.S. 549.77

"l-aħjar teknoloġija ottenibli" tfisser skond kif definit fir-regolament 2 tar-Regolamenti għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u dak il-korp jew persuna oħra li l-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jinnomina u korpi jew persuni differenti jistgħu jkunu nominati bħala l-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"barra mix-xtut" tfisser iż-żona tal-baħar u qiegħ il-baħar li testendi mill-marka ta' l-ilma baxxa tal-marea ordinarja jew medja 'l barra;

"bidla sostanzjali" tfisser bidla fl-istruttura jew l-operazzjoni ta' faċilità ta' l-iskart li, skond il-fehma ta' l-awtorità kompetenti, jista' ikollha effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent;

"borġ" tfisser faċilità mgħammra għad-depożitu ta' skart solidu fil-wiċċ;

"ċjanur dissoċjabbli b'aċidu dgħajjef" tfisser ċjanur u komponenti taċ-ċjanur li huma dissoċjati b'aċidu dgħajjef f'pH definit;

"detentur ta' l-iskart" tfisser il-produttur ta' l-iskart jew il-persuna fiżika jew ġuridika li tkun fil-pussess tiegħu;

"diga" tfisser struttura mgħammra maħsuba għaż-żamma jew l-

*ĠU L 102,11.4.2006, p. 15.
#ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

għeluq ta' ilma u jew skart ġewwa għadira;

"faċilità ta' l-iskart" tfisser kull żona maħsuba għall-ġbir jew għad-depożitu ta' skart ta' l-estrazzjoni, kemm jekk fi stat solidu jew likwidu jew f'soluzzjoni jew f'sospensjoni, għall-perjodi ta' żmien li ġejjin:

(i) ebda perjodu ta' żmien għal faċilitajiet ta' l-iskart ta' Kategorija A u faċilitajiet għal skart meqjus perikoluż fil-pjan ta' l-immaniġġar ta' l-iskart;

(ii) perjodu ta' iżjed minn sitt xhur għal faċilitajiet għal skart perikoluż iġġenerat b'mod mhux mistenni;

(iii) perjodu ta' iżjed minn sena għal faċilitajiet għal skart mhux perikoluż u mhux inerti;

(iv) perjodu ta' iżjed minn tliet snin għal faċilitajiet għal ħamrija mhux imniġġsa, l-iskart mhux perikoluż mit-tiftix, l-iskart li jirriżulta mill-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' pit u skart inerti:

Iżda tali faċilitajiet huma meqjusa li jinkludu kull diga jew struttura oħra li sservi sabiex tikkontjeni, iżżomm, tikkonfina jew b'xi mod ieħor issostni tali faċilità, u wkoll li jinkludu, iżda ma tkunx limitata għal, borġijiet u għadajjar, iżda jeskludu spazji vojta ta' skavar;

"għadira" tfisser faċilità naturali jew mgħammra għall-eliminazzjoni ta' skart fin, normalment *tailings*, flimkien ma' ammonti varjabbli ta' ilma ħieles, li jirriżulta mit-trattament ta' riżorsi minerali u mid-depurazzjoni u r-riċiklaġġ ta' ilma pproċessat;

"ħamrija mhux imniġġsa" tfisser ħamrija li titneħħa mis-saff ta' fuq ta' l-art waqt attivitajiet ta' estrazzjoni u li mhix meqjusa bħala mniġġsa skond il-liġi ta' Malta jew tal-Komunità;

"inċident maġġuri" tfisser ġrajja fuq is-sit waqt operazzjoni li tinvolvi l-immaniġġar ta' skart ta' estrazzjoni f'kull stabbiliment kopert minn dawn ir-regolamenti, li twassal għal periklu serju għas-saħħa tal-bniedem u, jew għall-ambjent, kemm jekk minnufih jew fuq tul ta' żmien, fis-sit jew barra mis-sit;

"industriji ta' l-estrazzjoni" tfisser l-istabbilimenti u l-impriżi kollha involuti fl-estrazzjoni, mill-wiċċ jew minn taħt l-art, ta' riżorsi minerali għal finijiet kummerċjali, inkluża l-estrazzjoni permezz ta' tħaffir ta' spieri, jew it-trattament tal-materjal estratt;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea;

"korp ta' l-ilma li jirċievi" tfisser ilmijiet tal-wiċċ, ilma ta' taħt l-art, ilmijiet transizzjonali, u ilma tal-kosta kif definit fir-regolament 2(1) tar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma; L.S. 423.20

"lissija" tfisser kull likwidu li jiġi filtrat minn ġo skart depożitat u li joħroġ minn jew jinżamm f'faċilità ta' l-iskart, inkluż drenaġġ imniġġeż, li jista' jaffettwa l-ambjent b'mod negattiv jekk mhux trattat b'mod adegwat;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"operatur" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-immaniġġar ta’ skart ta’ estrazzjoni, f’konformità mal-liġi ta’ Malta, inkluż fir-rigward tal-ħażna temporanja ta’ l-iskart ta’ l-estrazzjoni kif ukoll il-fażijiet operattivi u dawk ta’ wara l-għeluq;

"persuna kompetenti" tfisser persuna fiżika li għandha t-tagħrif tekniku u l-esperjenza, kif definit fil-liġi ta’ Malta, sabiex twettaq id-doveri li jirriżultaw minn dawn ir-regolamenti;

"il-pubbliku" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew aktar minn waħda u, skond il-liġi jew il-prattika f’Malta, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom;

"il-pubbliku konċernat" tfisser il-pubbliku affettwat jew li probabbilment ikun affettwat minn, jew li għandu interess fit-teħid ta’ deċiżjoni ambjentali skond ir-regolamenti 8 u 9; għall-finijiet ta’ din id-definizzjoni, l-organizzazzjonijiet non-governattivi li jippromwovu l-protezzjoni ta’ l-ambjent u li jissodisfaw kull ħtieġa skond il-liġi Maltija għandhom jitqiesu li għandhom tali interess;

"radam" tfisser kull materjal, eskluż skart li mhux skart ta’ l-estrazzjoni, li jintuża għall-irdim;

"rdim" tfisser mili mill-ġdid ta’ spazji mħaffra, wara estrazzjoni tal-minerali, għal riabilitazzjoni jew għall-finijiet ta’ kostruzzjoni relatati mal-proċess ta’ l-estrazzjoni tal-minerali, bħall-bini jew iż-żamma f’dawn l-ispazji vojta ta’ mezzi ta’ aċċess għal makkinarju, rampi għat-trasport ta’ oġġetti, paratijiet, barrikati ta’ sigurtà jew mogħdijiet; u "mirdum" għandha tinftiehem l-istess;

"riabilitazzjoni" tfisser it-trattament ta’ l-art affettwata minn faċilità ta’ l-iskart b’tali mod li l-art tinġieb lura fi stat sodisfaċenti, b’mod partikolari fir-rigward tal-kwalità tal-ħamrija, l-annimali selvaġġi, l-ambjenti naturali, is-sistemi ta’ l-ilma ħelu, il-pajsaġġ u użu ta’ benefiċċju xierqa;

"riżorsa minerali" jew "minerali" tfisser depożitu li jinsab b’mod naturali fil-qoxra tad-dinja ta’ sustanza organika jew inorganika, bħal per eżempju karburanti għall-enerġija, metalli mhux maħdumin, minerali industrijali u minerali ta’ kostruzzjoni, iżda eskluż l-ilma;

"sit" tfisser l-art kollha li tinsab f’żona ġeografika distinta taħt il-kontroll amministrattiv ta’ xi operatur;

"skart" b’żieda ma’ dak li jingħad fl-Att, tfisser kull ħaġa, sustanza, prodott jew oġġett, f’għamla sew solida sew likwida, ta’ xorta sew perikoluża sew xort’oħra, li pussessur jwarrab għar-rimi, jew ikun bi ħsiebu jew ikun meħtieġ li jwarrab għar- rimi, jew dak kollu li jitqies li jkun skart mill-awtorità kompetenti nominata mill-Ministru responsabbli mill-ambjent skont l-Att;

"skart ta’ estrazzjoni" tfisser skart li jirriżulta mit-tfittix, l-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta’ riżorsi minerali u l-qtugħ tal-barrieri, bħal *tailings* (jiġifieri l-iskart solidu jew taħlita ta’ materjal ta’ skart insolubbli li jibqa’ wara t-trattament ta’ minerali b’numru ta’ tekniki), skart tal-ġebel u piż żejjed (jiġifieri l-materjal li operazzjonijiet ta’ estrazzjoni jċaqalqu matul il-proċess ta’ aċċess għal blat jew korp minerali, inkluż matul l-istadju ta’

żvilupp ta' qabel il-produzzjoni), u ħamrija (jiġifieri s-saff tal-wiċċ ta' l-art) sakemm dan ikun skart;

"skart inerti" tfisser skart li ma jkunx soġġett għal xi trasformazzjoni fiżika, kimika jew bijoloġika sinifikanti. Skart inerti ma jdubx, ma jinħaraqx jew inkella ma jirreaġixxix fiżikament jew kimikament, ma jkunx bijodegradabbli jew ma jaffetwax ħażin materjal ieħor li jiġi f'kuntatt miegħu b'mod li x'aktarx joħloq tniġġiż lill-ambjent jew jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem. Il-kapaċità li jerħi u l-kontenut ta' tniġġiż totali ta' l-iskart u l-ekotossiċità tal-lissija għandhom ikunu insinifikanti, u partikolarment ma joħolqux periklu għall-kwalità ta' l-ilma tal-wiċċ u, jew ta' l-ilma ta' taħt l-art;

"skart perikoluż" tfisser kull tip ta' skart immarkat b'asterisk fl-Iskeda 1 tar-Regolamenti dwar l-Iskart, jew li għandu xi proprjetà li tagħmlu skart perikoluż kif speċifikat fl-Iskedi 2 u 3 li jinsabu ma' dawk ir-regolamenti, jew li hu meqjus perikoluż mill-awtorità kompetenti; L.S. 549.63

"sustanza perikoluża" tfisser sustanza, taħlita jew preparazzjoni li hija perikoluża skond it-tifsira fir-Regolamenti dwar Sustanzi u Preparamenti Perikolużi; L.S. 427.28

"*tailings*" tfisser l-iskart solidu jew taħlita ta' materjal ta' skart insolubbli li jibqa' wara t-trattament ta' minerali mill-proċessi ta' separazzjoni (bħal per eżempju tfarrik, tħin, għażla skond id-daqs, *flotation* u tekniki fiżiko-kimiċi oħra) sabiex jitneħħew minerali ta' valur minn blat li jkun ta' valur inqas;

"tfittix" tfisser it-tfittxija għal depożiti minerali ta' valur ekonomiku inkluż it-teħid ta' kampjuni, it-teħid ta' kampjuni bil-kwantità, it-titqib u t-tħaffir ta' trinek, iżda eskluż kull xogħol meħtieġ għall-iżvilupp ta' tali depożiti, u kull attività marbuta direttament ma' operazzjoni eżistenti ta' estrazzjoni;

"trattament" tfisser il-proċess mekkaniku, fiżiku, bijoloġiku, termali jew kimiku jew kombinazzjoni ta' proċessi mwettqa fuq riżorsi minerali, inkluż mill-qtugħ ta' barrieri bil-ħsieb li jiġi estratt il-mineral, inklużi t-tibdil fid-daqs, il-klassifikazzjoni, is-separazzjoni u l-lissija, u l-ipproċessar mill-ġdid ta' skart li ġie mormi preċedentement, iżda esklużi t-tidwib, il-proċessi ta' manifatturar termali (ħlief il-ħruq tal-ġebla tal-franka) u proċessi metallurġiċi.

(2) Il-frazijiet l-oħra kollha għandu jkollhom l-istess tifsir mogħti lilhom fir-Regolamenti dwar l-Iskart. L.S. 549.63

Applikabilità. *Emendat: A.L. 216 tal-2011.*

**4.** (1) Bla ħsara għas-subregolament (2), dawn ir-regolamenti jkopru skart ta' l-estrazzjoni u radam.

(2) Dan li ġej ser jiġi eskluż għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

(*a*) skart li hu ġenerat mit-tfittix, l-estrazzjoni u t-trattament ta’ riżorsi minerali u l-qtugħ tal-barrieri, iżda li ma jirriżultax direttament minn dawk l-operazzjonijiet, bħal skart mill-ikel, żejt użat, vetturi li waslu fit-tmiem tagħhom, batteriji u akkumulaturi użati. L-immaniġġar ta’ tali skart għandu jkun soġġett
L.S. 549.63 għad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Iskart, jew tar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta’ l-Iskart
L.S. 549.29 (*Landfills*), jew kull liġi Maltija jew tal-Komunità oħra rilevanti;

(*b*) skart li jirriżulta mit-tfittix, l-estrazzjoni u t-trattament ta’ riżorsi minerali ’l barra mix-xtut;

(*ċ*) injezzjoni ta’ ilma jew injezzjoni mill-ġdid ta’ ilma ta’ taħt l-art ippumpjat kif definit fir-regolament
L.S. 423.20 11(3)(*j*)(i) u (ii) tar-Regolamenti dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta’ l-Ilma, sa fejn awtorizzat minn dak ir-regolament.

(3) Kull faċilità ta’ l-iskart li tkun ingħatat permess jew li diġà tkun qed topera fl-1 ta’ Mejju 2008 għandha tkun konformi ma’ dawn ir-regolamenti sa l-1 ta’ Mejju 2012.

(4) Kull spazju mħaffer li jkun ingħata permess jew li diġà kien qed jopera fl-1 ta’ Mejju 2008 jista’ jkompli jopera skond ir-
L.S. 549.63 Regolamenti dwar l-Iskart, jew ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar
L.S. 549.29 ta’ l-Iskart (*Landfills*), sakemm l-awtorità kompetenti ma tiddeċidix xort’oħra.

(5) Ir-regolamenti 7, 8(3) sa (8), 9, 10, 12(1), 14(1), (2) u (3), 17 u 18 m’għandhomx japplikaw għal dawk il-faċilitajiet tal-iskart li waqfu milli jaċċettaw skart qabel l-1 ta’ Mejju 2006, li qed ilestu l-proċeduri ta’ għeluq skont il-liġi applikabbli Maltija jew tal-Komunità jew il-programmi approvati mill-awtorità kompetenti, u sejrin ikunu effettivament magħluqa sal-31 ta’ Diċembru 2010:

Iżda dawn il-faċilitajiet għandhom jiġu amministrati b’mod li ma jippreġudikax il-kisba tal-miri ta’ dawn ir-regolamenti, b’mod partikolari l-għanijiet tar-regolament 5(1), inkluż ir-
L.S. 423.20 Regolamenti dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma.

(6) Mingħajr preġudizzju għal liġi Maltija oħra, skart li jaqa’ taħt il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dawn ir-regolamenti m’għandux
L.S. 549.29 ikun soġġett għar-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta’ l-Iskart (*Landfills*):

L.S. 549.29 Iżda ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta’ l-Iskart (*Landfills*), għandhom jibqgħu japplikaw għall-iskart barra minn skart ta’ estrazzjoni użat għall-irdim ta’ spazji mħaffra, sew jekk saru permezz ta’ estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kemm jekk minn taħt l-art, kif xieraq.

(7) Is-subregolament (3) ma japplikax għal faċilitajiet ta’ skart li jkunu magħluqa sal-1 ta’ Mejju 2008.

(8) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li mill-1 ta' Mejju 2006 u minkejja kull għeluq ta' faċilità tal-iskart imsemmija wara dik id-data u qabel l-1 ta' Mejju 2008, l-iskart ta' estrazzjoni jiġi maniġġat b'mod li ma jippreġudikax it-twettiq tar-regolament 5(1), u rekwiżiti ambjentali applikabbli oħra msemmija fil-liġi nazzjonali u tal-Komunità li tinkludi ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma. L.S. 423.20

Rekwiżiti ġenerali.

**5.** (1) Skart ta' estrazzjoni għandu jiġi maniġġat u spazji mħaffra għandhom jintradmu mingħajr ma titqiegħed fil-periklu s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma jintużaw proċessi jew metodi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent, u b'mod partikolari mingħajr riskju għall-ilma, l-arja, il-ħamrija u l-fawna u l-flora, mingħajr ma jinħoloq fastidju permezz ta' ħsejjes jew irwejjaħ u mingħajr effetti negattivi fuq il-pajsaġġ jew postijiet ta' interess speċjali.

(2) L-abbandun, ir-rimi, depożitu mhux ikkontrollat ta' skart ta' estrazzjoni jew rdim mhux ikkontrollat fi spazji mħaffra għandu jkun projbit.

(3) L-operatur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jipprevjeni jew inaqqas kemm jista' ikun kull effett negattiv fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem ikkawżati b'riżultat ta' l-immaniġġar ta' skart ta' estrazzjoni jew rdim ta' spazji mħaffra. Dan jinkludi l-immaniġġar ta' kull faċilità ta' l-iskart, ukoll wara l-għeluq tagħha, u l-prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri li jinvolvu dik il-faċilità u r-restrizzjoni tal-konsegwenzi tagħhom għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

(4) Il-miżuri msemmija fis-subregolament (3) għandhom ikunu bbażati, *inter alia*, fuq l-aħjar tekniki disponibbli, mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta' kull teknika jew teknoloġija speċifika, iżda b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi tekniċi tal-faċilità ta' l-iskart jew l-ispazju mħaffer, il-lok ġeografiku u l-kondizzjonijiet ambjentali lokali.

## TAQSIMA II

## TIPI TA' FAĊILITAJIET TA' L-ISKART

Sistema ta' klassifikazzjoni għal faċilitajiet ta' l-iskart.

**6.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, faċilitajiet ta' l-iskart għandhom ikunu klassifikati f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(1) Faċilità ta' l-iskart Kategorija A: kull faċilità ta' l-iskart li li tissodisfa l-kriterji ta' l-Iskeda 3 jew kull faċilità ta' l-iskart maħsuba għall-ġbir jew id-depożitu ta' skart perikoluż iġġenerat b'mod mhux mistenni għal perjodu ta' iżjed minn sitt xhur; jew

(2) Faċilità ta' l-iskart Kategorija B: kull faċilità ta' l-iskart maħsuba għall-ġbir jew id-depożitu ta' skart mhux perikoluż u mhux inerti għal perjodu ta' iżjed minn sena; jew

(3) Faċilità ta' l-iskart Kategorija Ċ: kull faċilità ta' l-iskart maħsuba għall-ġbir jew id-depożitu ta' ħamrija mhux imniġġsa, l-iskart mhux perikoluż mit-tiftix, l-

iskart li jirriżulta mill-estrazzjoni, it-trattament u l-ħażna ta' pit u skart inerti għal perjodu ta' iżjed minn tliet snin:

Iżda faċilitajiet ta' l-iskart Kategorija A, Kategorija B u Kategorija Ċ huma meqjusa li jinkludu kull diga jew struttura oħra li sservi sabiex tikkontjeni, iżżomm, tikkonfina jew b'xi mod ieħor ssostni tali faċilità, u wkoll li jinkludu, iżda ma tkunx limitata għal borġijiet u għadajjar, iżda jeskludu spazji mħaffra, kemm jekk saru permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kemm minn taħt l-art.

TAQSIMA III

FAĊILITÀ TA' L-ISKART KATEGORIJA A

Pjan ta' manniġġar ta' l-iskart.

**7.** (1) L-operatur għandu jfassal pjan ta' maniġġar ta' l-iskart għall-minimizzazzjoni, it-trattament, l-irkupru u r-rimi ta' skart ta' l-estrazzjoni, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli.

(2) L-għanijiet tal-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart għandhom ikunu:

(*a*) il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-produzzjoni ta' l-iskart u l-ħsara tiegħu, b'mod partikolari billi jiġi kunsidrat:

(i) l-immaniġġar ta' l-iskart fil-fażi ta' l-ippjanar u fl-għażla tal-metodu użat għall-estrazzjoni u t-trattament tal-minerali;

(ii) it-tibdiliet li l-iskart ta' l-estrazzjoni jista' ikun soġġett għalihom f'konnessjoni ma' żieda fil-firxa ta' l-art u fl-espożizzjoni għall-kondizzjonijiet fuq l-art;

(iii) irdim fi spazji mħaffra, kemm jekk saru permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kemm minn taħt l-art, wara l-estrazzjoni tal-minerali, sa fejn hu teknikament u ekonomikament possibbli u ambjentalment sigur skond l-i*standards* ambjentali eżistenti Maltin jew tal-Komunità u, fejn rilevanti, skond ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti;

(iv) it-tqegħid tal-ħamrija tal-wiċċ lura f'postha wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart jew, jekk dan mhux possibbli b'mod prattiku, l-użu mill-ġdid tal-ħamrija tal-wiċċ x'imkien ieħor;

(v) l-użu ta' sustanzi inqas perikolużi għat-trattament tar-riżorsi minerali;

(*b*) jitħeġġeġ l-irkupru ta' skart ta' estrazzjoni permezz tar-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid jew l-irkupru ta' tali skart, fejn dan hu ambjentalment sigur skond l-i*standards* ambjentali eżistenti Maltin jew tal-Komunità u, fejn rilevanti, skond ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti;

(*ċ*) li jiżgura rimi mhux perikoluż ta' l-iskart ta' estrazzjoni għal perjodu qasir u fit-tul, b'mod

partikolari billi jitqies, waqt il-fażi ta' l-ippjanar, l-immaniġġar waqt l-operazzjoni u wara l-għeluq ta' faċilità ta' l-iskart u billi jintgħażel disinn li:

(i) jeħtieġ ammont minimu u, jekk hu possibbli, fl-aħħar mill-aħħar mingħajr ebda monitoraġġ, kontroll u maniġġar tal-faċilità magħluqa;

(ii) jippreveni jew għall-inqas jimminimizza kull effett negattiv fuq perjodu ta' żmien twil, per eżempju li jista' jiġi attribwit għall-migrazzjoni ta' pollutanti fl-arja jew fl-ilma mill-faċilità ta' l-iskart; u

(iii) tiġi żgurata l-istabbiltà ġeoteknika fuq żmien twil ta' kull diga jew munzelli aktar għoljin mill-wiċċ ta' l-art diġà eżistenti.

(3) Il-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart għandu jkun fih mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(*a*) il-klassifikazzjoni proposta għall-faċilità ta' l-iskart skond il-kriterji stabbiliti fir-regolament 6 u dokument li juri li se jintużaw, politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri, sistema ta' amministrazzjoni ta' sigurtà għall-implimentazzjoni tagħha li għandhom jiġu fis-seħħ u pjan intern ta' emerġenza, skond ir-regolament 8(3);

(*b*) karatterizzazzjoni ta' l-iskart skond l-Iskeda II u dikjarazzjoni ta' l-istima tal-kwantitajiet totali ta' skart ta' estrazzjoni li għandhom jiġu prodotti waqt il-fażi operattiva;

(*ċ*) deskrizzjoni ta' l-operazzjoni li tiġġenera tali skart u ta' kull trattament sussegwenti li hu soġġett għalih;

(*d*) deskrizzjoni ta' kif l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv mid-depożitu ta' tali skart u l-miżuri preventivi li għandhom jittieħdu sabiex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali waqt l-operazzjoni u wara l-għeluq, inklużi l-aspetti msemmija fir-regolament 11(2)(*a*), (*b*), (*d*) u (*e*);

(*e*) il-proċeduri ta' kontroll u ta' monitoraġġ proposti skond ir-regolament 11(2)(*ċ*);

(*f*) il-pjan propost għall-għeluq, inklużi r-riabilitazzjoni, il-proċeduri ta' wara l-għeluq u l-monitoraġġ kif previst fir-regolament 12;

(*g*) miżuri għall-prevenzjoni tad-deterjorament ta' l-istat ta' l-ilma skond ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma u għall-prevenzjoni jew il-minimizzazzjoni tat-tniġġis ta' l-arja u tal-ħamrija skond ir-regolament 13; L.S. 423.20

(*h*) stħarriġ dwar il-kondizzjoni ta' l-art li ser tkun affettwata mill-faċilità ta' skart;

(*i*) kull informazzjoni rilevanti oħra mitluba mill-awtorità kompetenti.

(4) Il-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart għandu jipprovdi biżżejjed informazzjoni sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta l-kapaċità ta' l-operatur li jilħaq l-għanijiet tal-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart kif stabbiliti fis-subregolament (2) u l-obbligi tiegħu skond dawn ir-regolamenti. B'mod partikolari, il-pjan għandu jispjega kif l-għażla u l-metodu magħżula kif imsemmi fis-subregolament (2)(*a*)(i) ser jilħqu l-oġġettivi tal-pjan għall-maniġġar ta' l-iskart kif stipulat fis-subregolament (2)(*a*).

(5) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika l-format ta' kif għandha tkun disponibbli t-tali informazzjoni.

L.S. 549.39

(6) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli skond ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

(7) Il-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart għandu jiġi rivedut kull ħames snin u, jew emendat, kif xieraq, fil-każ ta' tibdiliet sostanzjali fl-operat tal-faċilità ta' l-iskart jew fl-iskart depożitat. Kull emenda għandha tiġi notifikata lill-awtorità kompetenti.

(8) Pjanijiet prodotti skond liġijiet oħrajn Maltin jew tal-Komunità u li fihom l-informazzjoni speċifikata fis-subregolament (3) jistgħu jintużaw fejn dan jevita d-duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' informazzjoni u r-ripetizzjoni tax-xogħol mill-operatur, bil-kondizzjoni li r-rekwiżiti kollha skond is-subregolamenti (1), (2), (3), (4) u (7) jiġu milħuqa.

(9) L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart fuq bażi tal-proċeduri li għandhom jiġu deċiżi mill-awtorità kompetenti u li għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu.

Prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u informazzjoni.
*Emendat: XXXIII.2024. L-Ewwel Skeda.*
L.S. 646.12

**8.** (1) Dan ir-regolament għandu japplika għal faċilitajiet ta' l-iskart tal-Kategorija A, ħlief għal dawk il-faċilitajiet ta' l-iskart li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar.

L.S. 646.18

L.S. 646.12

(2) Mingħajr preġudizzju għal leġislazzjoni oħra Maltija jew tal-Komunità, u b'mod partikolari r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ħaddiema fl-Industriji ta' l-Estrazzjoni tal-Minerali permezz ta' Driljar u ta' Ħaddiema fl-Industriji ta' l-Estrazzjoni tal-Minerali Fuq u Taħt l-Art, l-awtorità kompetenti stabbilita bis-saħħa tar-regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar, għandhom jiżguraw li l-perikolu ta' inċidenti maġġuri jiġi identifikat u li l-karatteristiċi meħtieġa jiġu inkorporati fl-ippjanar, il-kostruzzjoni, l-operazzjoni u l-manutenzjoni, l-għeluq u l-fażi ta' wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart sabiex jiġu evitati tali inċidenti u jiġu limitati l-konsegwenzi negattivi tagħhom għas-saħħa tal-bniedem u, jew l-ambjent, inkluż kull impatt transkonfinali.

(3) Għall-finijiet tar-rekwiżiti taħt is-subregolament (2), kull operatur għandu, qabel il-bidu ta' l-operazzjonijiet, ifassal politika ta' prevenzjoni ta' l-inċidenti maġġuri għall-immaniġġar ta' skart ta' estrazzjoni u jpoġġi fis-seħħ sistema ta' amministrazzjoni tas-

sigurtà li jimplimetaha, skond l-elementi stabbiliti fit-Taqsima 1 ta’ l-Iskeda I, u għandu wkoll ipoġġi fis-seħħ pjan ta’ emerġenza intern li jispeċifika l-miżuri li għandhom jittieħdu fis-sit fil-każ ta’ inċident:

Iżda, bħala parti minn dik il-politika, l-operatur għandu jaħtar *manager* tas-sigurtà responsabbli għall-implimentazzjoni u s-superviżjoni perjodika tal-politika ta’ prevenzjoni ta’ inċidenti maġġuri.

(4) L-awtorità kompetenti, stabbilita bis-saħħa tar-regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta’ Perikli ta’ Inċidenti Kbar, L.S. 646.12 għandha tfassal pjan ta’ emerġenza estern li jispeċifika l-miżuri li għandhom jittieħdu barra mis-sit fil-każ ta’ inċident. Bħala parti mill-applikazzjoni għal permess, l-operatur għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti, stabbilita bis-saħħa tar-regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta’ Perikli ta’ Inċidenti Kbar, l-informazzjoni meħtieġa sabiex din ta’ l-aħħar tkun tista’ tfassal dak il-pjan.

(5) Il-pjanijiet ta’ emerġenza msemmija fis-subregolamenti (3) u (4) għandu jkollhom l-għanijiet li ġejjin:

(*a*) sabiex jiġu kontenuti u kontrollati l-inċidenti maġġuri u inċidenti oħra biex b’hekk jiġu mnaqqsa l-effetti tagħhom, u b’mod partikolari biex tiġi limitata l-ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent;

(*b*) sabiex jiġu implimentati l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta’ l-ambjent mill-effetti ta’ inċidenti maġġuri u inċidenti oħra;

(*ċ*) sabiex l-informazzjoni meħtieġa tiġi komunikata lill-pubbliku u lis-servizzi jew l-awtoritajiet rilevanti fl-inħawi;

(*d*) sabiex jaħsbu għar-riabilitazzjoni, r-restawr u t-tindif ta’ l-ambjent wara xi inċident maġġuri.

(6) F’każ ta’ inċident maġġuri, l-operatur għandu minnufih jipprovdi lill-awtorità kompetenti, stabbilita bis-saħħa tar-regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta’ Perikli ta’ L.S. 646.12 Inċidenti Kbar, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tgħin sabiex jiġu imnaqqsa l-konsegwenzi tiegħu għas-saħħa tal-bniedem u sabiex jiġi valutat u minimizzat il-grad tal-ħsara, attwali jew potenzjali, għall-ambjent.

(7) Il-pubbliku konċernat għandu jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi sabiex jipparteċipa fit-tħejjija jew fir-reviżjoni tal-pjan ta’ emerġenza estern li għandu jiġi mfassal skond is-subregolament (4). Għal dak il-għan, il-pubbliku konċernat għandu jiġi mgħarraf dwar kull proposta bħal dik u l-informazzjoni rilevanti għandha ssir disponibbli, inkluż *inter alia* informazzjoni dwar id-dritt għall-parteċipazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u dwar l-awtorità kompetenti, stabbilita bis-saħħa tar-regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta’ Perikli ta’ L.S. 646.12 Inċidenti Kbar, li lilha jistgħu jiġu preżentati kummenti u mistoqsijiet.

(8) Il-pubbliku konċernat għandu jkollu d-dritt jesprimi

kummenti f'termini ta' żmien raġonevoli u, fid-deċiżjoni dwar il-pjan ta' emerġenza estern, għandhom jitqiesu sew dawn il-kummenti.

(9) Informazzjoni dwar il-miżuri ta' sigurtà u dwar l-azzjoni meħtieġa fil-każ ta' inċident, li fiha mill-inqas l-elementi mniżżla fit-Taqsima 2 ta' l-Iskeda I, għandha tiġi provduta, mingħajr ħlas u b'mod normali, lill-pubbliku konċernat:

Iżda dik l-informazzjoni għandha tiġi riveduta kull tliet snin u, fejn meħtieġ, għandha tiġi aġġornata.

Applikazzjoni u permess.
*Emendat: A.L. 216 tal-2011.*

**9.** (1) Ebda faċilità ta' l-iskart m'għandha titħalla topera mingħajr permess mogħti mill-awtorità kompetenti.

(2) Il-permess għandu jkun fih l-elementi speċifikati fis-subregolament (3) u għandu jindika b'mod ċar il-kategorija tal-faċilità ta' l-iskart skond il-kriterji msemmija fir-regolament 6:

Iżda, bla ħsara għal konformità mar-rekwiżiti kollha ta' dan ir-regolament, kull permess prodott skond il-leġislazzjoni Maltija jew tal-Komunità jista' jiġi mgħaqqad sabiex jifforma permess wieħed, fejn format bħal dak jevita d-duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' informazzjoni u r-ripetizzjoni ta' xogħol mill-operatur jew mill-awtorità kompetenti:

Iżda wkoll, id-dettalji speċifikati fis-subregolament (3) jistgħu jiġu koperti minn permess uniku jew minn bosta permessi, sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha taħt dan ir-regolament.

(3) L-applikazzjoni għal permess għandu jkun fiha mill-inqas id-dettalji li ġejjin:

(*a*) l-identità ta' l-operatur;

(*b*) il-lok propost tal-faċilità ta' l-iskart, inkluż kull sit alternattiv possibbli;

(*ċ*) il-pjan ta' maniġġar ta' skart skond ir-regolament 7;

(*d*) arranġamenti xierqa għal garanzija finanzjarja jew l-ekwivalenti, kif meħtieġ mir-regolament 14;

L.S. 549.46

(*e*) l-informazzjoni provduta mill-operatur skond ir-Regolamenti dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali, jekk hu meħtieġ studju dwar l-impatt ambjentali skond dawk ir-regolamenti; u

(*f*) kull informazzjoni oħra meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

(4) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika f'liema format tali informazzjoni għandha tkun disponibbli.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess biss jekk hi sodisfatta li:

(*a*) l-operatur jikkonforma mal-ħtiġiet rilevanti skond dawn ir-regolamenti;

(*b*) l-immaniġġar ta' l-iskart ma jkunx f'konflitt dirett jew b'xi mod ieħor ifixkel l-implimentazzjoni tal-pjan jew pjanijiet ta' maniġġar ta' l-iskart relevanti msemmija fir-regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar l-Iskart. L.S. 549.63

(6) L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra mill-ġdid u, fejn meħtieġ, taġġorna l-kondizzjonijiet għall-permess perjodikament:

(*a*) fejn ikun hemm tibdiliet sostanzjali fl-operat tal-faċilità ta' l-iskart jew fl-iskart depożitat;

(*b*) fuq il-bażi tar-riżultati tal-monitoraġġ irrapurtat mill-operatur skont ir-regolamenti 11(3) u (4) jew spezzjonijiet imwettqa skont ir-regolament 28;

(*ċ*) fil-każ ta' skambju ta' informazzjoni dwar tibdiliet sostanzjali fl-aqwa tekniki disponibbli.

(7) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli skond ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent: L.S. 549.39

Iżda l-informazzjoni f'permess mogħti skond dawn ir-regolamenti għandha titqiegħed għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-istatistika kompetenti kemm nazzjonali kif ukoll tal-Komunità fejn mitluba għal finijiet ta' statistika:

Iżda wkoll informazzjoni sensittiva ta' natura purament kummerċjali, bħal informazzjoni dwar relazzjonijiet kummerċjali u komponenti ta' spiża u l-volum ta' riżervi minerali ekonomiċi, ma għandhiex issir pubblika.

Parteċipazzjoni tal-pubbliku.

**10.** (1) Il-pubbliku għandu jkun infurmat, permezz ta' avviżi pubbliċi jew mezzi xierqa oħra, bħal mezzi elettroniċi fejn disponibbli, dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, kmieni fil-proċedura għall-għoti ta' permess jew, l-aktar tard, hekk kif l-informazzjoni tista' b'mod raġonevoli tiġi provduta:

(*a*) l-applikazzjoni għal permess;

(*b*) meta jkun japplika, il-fatt li deċiżjoni dwar applikazzjoni għal permess hija soġġetta għal konsultazzjoni ma' Stat ieħor skond ir-regolament 15;

(*ċ*) id-dettalji ta' l-awtoritajiet kompetenti rilevanti responsabbli biex jieħdu d-deċiżjoni, dawk li minn għandhom tista' tinkiseb l-informazzjoni rilevanti, dawk li lilhom jistgħu jiġu sottomessi kummenti jew mistoqsijiet, u d-dettalji ta' l-iskeda tal-ħin biex jiġu trasmessi kummenti jew mistoqsijiet;

(*d*) in-natura ta' deċiżjonijiet possibbli;

(*e*) meta jkun japplika, id-dettalji dwar proposta għall-aġġornament ta' permess jew tal-kondizzjonijiet għal permess;

(*f*) indikazzjoni tal-ħinijiet u l-postijiet fejn, jew il-mezzi li bihom, l-informazzjoni rilevanti tkun ser issir disponibbli;

(*g*) id-dettalji ta' l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni tal-

pubbliku magħmula skond is-subregolament (7).

(2) F'termini ta' żmien adegwat, dan li ġej għandu jsir disponibbli għall-pubbliku konċernat:

(*a*) skond il-leġislazzjoni Maltija, ir-rapporti u l-pariri ewlenija mgħoddija lill-awtorità kompetenti, fiż-żmien meta l-pubbliku ġie infurmat skond is-subregolament (1);

L.S. 549.39

(*b*) skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent, kull informazzjoni oħra, barra dik imsemmija fis-subregolament (1), li hi rilevanti għad-deċiżjoni skond ir-regolament 9, u li ssir disponibbli biss wara ż-żmien li l-pubbliku jkun ġie infurmat skond is-subregolament (1).

(3) Il-pubbliku għandu jiġi infurmat, skond is-subregolament (1), dwar xi aġġornament tal-kondizzjonijiet għall-permess skond ir-regolament 9(6).

(4) Il-pubbliku konċernat għandu jkollu d-dritt jesprimi kummenti u opinjonijiet lill-awtorità kompetenti qabel ma tittieħed deċiżjoni.

(5) Għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet miżmuma skond dan ir-regolament, fit-teħid ta' deċiżjoni.

(6) Meta tittieħed deċiżjoni, l-awtorità kompetenti għandha, skond il-proċeduri xierqa, tinforma lill-pubbliku konċernat u tqiegħed l-informazzjoni li ġejja għad-disposizzjoni tal-pubbliku konċernat:

(*a*) il-kontenut tad-deċiżjoni, inkluża kopja tal-permess;

(*b*) ir-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom hi bbażata d-deċiżjoni.

(7) L-arranġamenti dettaljati għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku skond dan ir-regolament għandhom ikunu determinati mill-awtorità kompetenti sabiex il-pubbliku konċernat ikun jista' jipprepara u jipparteċipa b'mod effettiv.

Kostruzzjoni u amministrazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-iskart.

**11.** (1) L-amministrazzjoni ta' faċilità ta' l-iskart għandha tkun f'idejn persuna kompetenti u għandu jiġi provdut żvilupp tekniku u taħriġ tal-persunal.

(2) Waqt bini ta' faċilità ta' l-iskart ġdida jew tibdil ta' faċilità ta' l-iskart eżistenti, l-operatur għandu jiżgura li:

(*a*) il-faċilità ta' l-iskart tinsab f'post adegwat, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni b'mod partikolari lill-obbligi Maltin u tal-Komunità relatati ma' nħawi protetti, u ta' fatturi ġeoloġiċi, idroloġiċi, idroġeoloġiċi, sismiċi u ġeotekniċi, u tkun ippjanata b'mod li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex, fil-perspettivi għall-perjodu qasir u għall-perjodu fit-tul, jiġi evitat t-tniġġis tal-ħamrija, ta' l-arja, ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art, u filwaqt li jitqiesu b'mod speċjali r-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta' l-Ilma, ir-Regolamenti għall-Ħarsien ta' l-Ilma ta' l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikolużi, u r-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, u filwaqt li jiġi żgurat il-ġbir effiċjenti ta' l-ilma kontaminat u tal-lissija kif u meta meħtieġ skond il-permess, u t-tnaqqis ta' l-erożjoni kaġunata mill-ilma jew mir-riħ sakemm ikun teknikament possibbli u ekonomikament vijabbli;

L.S. 549.10

L.S. 423.16

L.S. 423.20

(*b*) il-faċilità ta' l-iskart tkun mibnija, immexxija u miżmuma b'mod xieraq sabiex tkun żgurata l-istabbilità fiżika tagħha u sabiex ikun evitat it-tniġġis jew kontaminazzjoni tal-ħamrija, ta' l-arja, ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art fil-perspettivi għall-perjodu qasir u għall-perjodu fit-tul kif ukoll tiġi minimizzata sa fejn possibbli l-ħsara lill-pajsaġġ;

(*ċ*) ikun hemm pjanijiet u arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ u l-ispezzjoni regolari tal-faċilità ta' l-iskart minn persuni kompetenti u sabiex tittieħed azzjoni fil-każ li r-riżultati jindikaw instabbilità jew tniġġis ta' l-ilma jew tal-ħamrija:

Iżda għandhom jinżammu reġistri tal-monitoraġġ u ta' l-ispezzonijiet, flimkien mad-dokumentazzjoni dwar il-permess sabiex tiġi żgurata li l-informazzjoni tingħadda b'mod xieraq, partikolarment fil-każ ta' bidla ta' l-operatur;

(*d*) isiru arranġamenti xierqa għar-riabilitazzjoni ta' l-art u għall-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart; u

(*e*) isiru arranġamenti xierqa għall-fażi ta' wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart.

(3) L-operatur għandu, mingħajr dewmien żejjed u f'kull każ mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara, jinnotifika lill-awtorità kompetenti b'kull avveniment li x'aktarx ikun jaffettwa l-istabbilità tal-faċilità ta' l-iskart u b'kull effett ambjentali negattiv sinifikanti żvelat mill-proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ tal-faċilità ta' l-iskart.

(4) L-operatur għandu jimplimenta l-pjan ta' emerġenza intern, meta dan ikun japplika, u jsegwi kull istruzzjoni oħra mill-awtorità kompetenti fir-rigward tal-miżuri korrettivi li jridu jittieħdu.

(5) L-operatur għandu jkopri l-ispejjeż tal-miżuri li jridu jittieħdu.

(6) Mill-inqas darba fis-sena, l-operatur għandu jirrapporta, fuq bażi tad-data aggregata, ir-riżultati kollha ta' monitoraġġ lill-awtorità kompetenti bil-għan li tintwera l-konformità mal-kondizzjonijiet tal-permess u sabiex jiżdied it-tagħrif dwar l-imġieba ta' l-iskart u tal-faċilità ta' l-iskart. Fuq bażi ta' dan ir-rapport l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li hi meħtieġa validazzjoni minn espert indipendenti.

Proċeduri ta' għeluq u ta' wara l-għeluq għall-faċilitajiet ta' l-iskart.

**12.** (1) Faċilità ta' l-iskart għandha tibda proċedura ta' għeluq biss jekk tiġi sodisfatta waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet rilevanti msemmija fil-permess;

(*b*) tingħata l-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, fuq talba ta' l-operatur;

(*ċ*) l-awtorità kompetenti toħroġ deċiżjoni raġunata għal dak l-iskop.

(2) Faċilità ta' l-iskart tista' biss tiġi kunsidrata li tkun definittivament magħluqa wara li l-awtorità kompetenti tkun, mingħajr dewmien żejjed, wettqet spezzjoni finali fuq il-post, rat bir-reqqa r-rapporti kollha sottomessi mill-operatur, iċċertifikat li l-art affettwata mill-faċilità ta' l-iskart ġiet riabilitata u kkomunikat lill-operatur l-approvazzjoni tagħha għall-għeluq:

Iżda din l-approvazzjoni ma tnaqqas bl-ebda mod l-obbligi ta' l-operatur taħt il-kondizzjonijiet tal-permess jew mod ieħor skond il-liġi.

(3) L-operatur għandu jkun responsabbli għall-manutenzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-miżuri korrettivi fil-fażi ta' wara l-għeluq sakemm ikun meħtieġ mill-awtorità kompetenti, waqt li titqies in-natura u d-dewmien tal-periklu, ħlief fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tassumi dawn id-doveri ta' l-operatur wara li faċilità ta' l-iskart tkun finalment ingħalqet u mingħajr preġudizzju għal kull leġislazzjoni Maltija jew tal-Komunità li tirregola r-responsabbiltajiet tad-detentur ta' l-iskart.

(4) Meta, wara l-għeluq ta' faċilità ta' l-iskart, ikun ikkunsidrat meħtieġ mill-awtorità kompetenti biex jintlaħqu ir-rekwiżiti ambjentali stabbiliti fil-leġislazzjoni Maltija jew tal-Komunità,
L.S. 549.10 b'mod partikolari dawk fir-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta' l-Ilma, ir-
L.S. 423.16 Regolamenti għall-Ħarsien ta' l-Ilma ta' l-Art mit-Tniġġis kaġunat
L.S. 423.20 minn xi Sustanzi Perikolużi, u fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, l-operatur għandu, *inter alia*, jikkontrolla l-istabbilità fiżika u kimika tal-faċilità u jnaqqas kull effett ambjentali negattiv, partikolarment fir-rigward ta' l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, billi jiżgura li:

(*a*) l-istrutturi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-faċilità huma sorveljati u konservati, b'apparat ta' kontroll u ta' kejl dejjem lest għall-użu;

(*b*) meta dan ikun japplika, il-kanali u l-passaġġi ta' tifwir għandhom jinżammu nodfa u liberi.

(5) Wara l-għeluq ta' faċilità ta' skart, l-operatur għandu,

mingħajr dewmien, jinnotifika lill-awtorità kompetenti kull ġrajja jew żvilupp li x'aktarx jaffettwa l-istabbilità tal-faċilità ta' l-iskart u kull effett ambjentali negattiv u sinifikanti żelat mill-proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ rilevanti.

(6) L-operatur għandu jimplimenta l-pjan intern ta' emerġenza, meta dan ikun japplika, u jsegwi kull istruzzjoni oħra mill-awtorità kompetenti fir-rigward tal-miżuri korrettivi li jridu jittieħdu:

Iżda l-operatur għandu jkopri l-ispejjeż tal-miżuri li jridu jittieħdu.

(7) F'każijiet u bi frekwenza li tiġi determinata mill-awtorità kompetenti, l-operatur għandu jirrapporta, fuq bażi tad-data aggregata, ir-riżultati kollha ta' monitoraġġ lill-awtoritajiet kompetenti u rilevanti, bil-għan li tintwera l-konformità mal-kondizzjonijiet tal-permess u sabiex jiżdied it-tagħrif dwar l-imġieba ta' l-iskart u tal-faċilità ta' l-iskart.

Prevenzjoni tad-deterjorament ta' l-istat ta' l-ilma, tniġġis ta' l-arja u tal-ħamrija. L.S. 423.20

**13.** (1) L-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jilħaq l-i*standards* ambjentali Maltin u tal-Komunità, b'mod partikolari, skond ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, biex jipprevjeni d-deterjorament ta' l-istat attwali ta' l-ilma, *inter alia* billi:

(*a*) jivvaluta l-potenzjal ta' ġenerazzjoni tal-lissija, inkluż il-kontenut kontaminanti tal-lissija, ta' l-iskart depożitat matul il-fażi kemm operattiva kif ukoll dik ta' wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart, u jiddetermina l-bilanċ ta' l-ilma tal-faċilità ta' l-iskart;

(*b*) jevita jew inaqqas il-ġenerazzjoni tal-lissija u ta' l-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ u l-ħamrija milli jiġu kontaminati mill-iskart; u

(*ċ*) jiġbor u jittratta l-ilma kontaminat u l-lissija miġbura mill-faċilità ta' l-iskart sabiex jilħqu l-i*standard* xieraq meħtieġ għall-iskargar tagħhom.

(2) L-operatur għandu jieħu miżuri xierqa sabiex jevita jew inaqqas l-emissjonijiet ta' trab u ta' gass.

(3) Fuq bażi ta' valutazzjoni tar-riskji ambjentali, filwaqt li jitqiesu, partikolarment, ir-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta' l-Ilma, ir-Regolamenti għall-Ħarsien ta' l-Ilma ta' l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikolużi, jew ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, meta dawn ikunu japplikaw, l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li l-ġbir u t-trattament tal-lissija mhux meħtieġa jew ikun ġie stabbilit li l-faċilità ta' l-iskart ma toħloq ebda perikli potenzjali għall-ħamrija, l-ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ, ir-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolament (1)(*b*) u (*ċ*) jistgħu jitnaqqsu jew jitneħħew skond hekk.

L.S. 549.10
L.S. 423.16
L.S. 423.20

(4) Fil-każ ta' għadira li tkun tinvolvi l-preżenza taċ-ċjanur, l-operatur għandu jiżgura li l-konċentrazzjoni taċ-ċjanur dissoċjabbli b'aċidu dgħajjef fl-għadira titnaqqas għall-inqas livell possibbli billi jintużaw l-aħjar tekniki disponibbli u li, f'kull każ,

f'faċilitajiet li jkunu ngħataw permess qabel jew li kienu diġà joperaw fl-1 ta' Mejju 2008 li l-konċentrazzjoni ta' ċjanur dissoċjabbli b'aċidu dgħajjef fil-ħin ta' l-iskargar tat-*tailings* mill-impjant ta' pproċessar għal ġewwa l-għadira ma jaqbiżx 50 ppm mill-1 ta' Mejju 2008, 25 ppm mill-1 ta' Mejju 2013, 10 ppm mill-1 ta' Mejju 2018 u 10 ppm f'faċilitajiet li jingħataw permess wara l-1 ta' Mejju 2008:

Iżda, jekk ikun mitlub mill-awtorità kompetenti, l-operatur għandu juri, permezz ta' valutazzjoni tar-riskju li tieħu f'konsiderazzjoni l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-sit, li ma hemmx bżonn li dawk il-limiti ta' konċentrazzjoni jitnaqqsu aktar.

Garanzija finanzjarja.

**14.** (1) L-awtorità kompetenti għandha, qabel ma tagħti bidu għal xi operazzjonijiet li jinvolvu l-akkumulu jew id-depożitu ta' skart ta' l-estrazzjoni ġo faċilità ta' l-iskart, titlob garanzija finanzjarja (bħal f'forma ta' depożitu finanzjarju, inkluż fondi ta' garanzija reċiproka sponsorjati mill-industrija) jew l-ekwivalenti, skond proċeduri li jridu jiġu deċiżi mill-awtorità kompetenti, sabiex:

(*a*) l-obbligi kollha taħt il-permess li jinħareġ skond dawn ir-regolamenti, inklużi d-disposizzjonijiet ta' wara l-għeluq, jiġu sodisfatti; u

(*b*) ikun hemm fondi faċilment disponibbli f'kull ħin għar-riabilitazzjoni ta' l-art affettwata mill-faċilità ta' l-iskart, kif deskritt fil-pjan ta' manniġġar ta' skart ippreparat skond ir-regolament 7 u meħtieġ mill-permess skond ir-regolament 9.

(2) Il-kalkolu tal-garanzija msemmija fis-subregolament (1) għandu jsir fuq bażi ta':

(*a*) l-impatt ambjentali probabbli tal-faċilità ta' skart, filwaqt li jitqiesu partikolarment il-kategorija tal-faċilità ta' skart, il-karatteristiċi ta' l-iskart u l-użu futur ta' l-art riabilitata; u

(*b*) is-suppożizzjoni li partijiet terzi indipendenti u kwalifikati kif xieraq jivvalutaw u jwettqu kull xogħol ta' riabilitazzjoni meħtieġ.

(3) L-ammont tal-garanzija għandu jiġi aġġustat perjodikament skond kull xogħol ta' riabilitazzjoni meħtieġ li jitwettaq fuq art affetwata mil-faċilità ta' l-iskart, kif deskritt fil-pjan ta' manniġġar ta' skart ippreparat skond ir-regolament 7 u meħtieġ mill-permess skond ir-regolament 9.

(4) Fejn l-awtorità kompetenti tapprova l-għeluq skond ir-regolament 12(2), għandha tipprovdi lill-operatur dikjarazzjoni bil-miktub li teħilsu mill-obbligu ta' garanzija msemmi fis-subregolament (1), bl-eċċezzjoni ta' l-obbligi ta' wara l-għeluq kif imsemmi fir-regolament 12(3).

Effetti transkonfinali.

**15.** (1) Meta l-Ministru jkun mgħarraf li l-operazzjoni ta' faċilità ta' l-iskart ta' Kategorija A f'Malta x'aktarx ikollha effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent ta', u kull riskju għas-saħħa tal-

bniedem li jirriżulta fi, Stat ieħor, jew meta Stat li x'aktarx jiġi effettwat b'dan il-mod jitlob hekk, il-Ministru għandu jibgħat l-informazzjoni provduta skond ir-regolament 9 lill-Istat l-ieħor fl-istess waqt li fih ikun informa lill-pubbliku skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 10(1):

Iżda informazzjoni bħal dik għandha sservi ta' bażi għal kull konsultazzjoni meħtieġa fil-kuntest ta' relazzjonijiet bilaterali bejn Malta u l-Istat l-ieħor fuq bażi reċiproka u ekwivalenti.

(2) Fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom, il-Ministru għandu jiżgura li fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (1) l-applikazzjonijiet huma wkoll disponibbli, għal perjodu ta' żmien xieraq, lill-pubbliku konċernat ta' l-Istat li x'aktarx ikun ser jiġi affettwat sabiex ikollu d-dritt jikkummenta dwarhom qabel ma l-awtorità kompetenti tieħu d-deċiżjoni tagħha.

(3) Il-Ministru għandu jiżgura li, f'każ ta' inċident li jinvolvi faċilità ta' l-iskart kif imsemmi fis-subregolament (1), l-informazzjoni provduta mill-operatur lill-awtorità kompetenti skond ir-regolament 8(5) u (6), tgħaddi minnufih lill-Istat l-ieħor sabiex tgħin biex jitnaqqsu l-konsegwenzi ta' l-inċident fuq is-saħħa tal-bniedem u sabiex jiġi valutat u mnaqqas il-grad tal-ħsara ambjentali attwali jew potenzjali.

## TAQSIMA IV

## FAĊILITÀ TA' L-ISKART KATEGORIJA B

Disposizzjoni ġenerali.

**16.** Faċilità ta' l-Iskart Kategorija B għandha tkun soġġetta għar-regolamenti kollha skond it-Taqsima III ta' dawn ir-regolamenti, ħlief għar-regolament 11(3) u (4), ir-regolament 12(4), (5), (6) u (7), ir-regolament 13(4), ir-regolament 14 u r-regolament 15.

## TAQSIMA V

## FAĊILITÀ TA' L-ISKART KATEGORIJA Ċ

Applikazzjoni u permess.

**17.** (1) Ebda faċilità ta' l-iskart m'għandha titħalla topera mingħajr permess mogħti mill-awtorità kompetenti.

(2) Il-permess għandu jkun fih l-elementi speċifikati fis-subregolament (3) u għandu jindika b'mod ċar il-kategorija tal-faċilità ta' l-iskart skond il-kriterji msemmija fir-regolament 6:

Iżda, bla ħsara għal konformità mar-rekwiżiti kollha skond dan ir-regolament, kull permess li joħroġ skond leġislazzjoni Maltija jew Komunitarja oħra, jista' jiġi mgħaqqad sabiex jifforma permess wieħed, fejn format bħal dak jevita d-duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' informazzjoni u r-ripetizzjoni ta' xogħol mill-operatur jew l-awtorità kompetenti:

Iżda wkoll, id-dettalji speċifikati fis-subregolament (3) jistgħu jiġu koperti minn permess uniku jew minn bosta permessi, sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha taħt dan ir-regolament.

(3) L-applikazzjoni għal permess għandu jkun fiha minn ta' l-inqas id-dettalji li ġejjin:

(*a*) l-identità ta' l-operatur;

(*b*) il-lok propost għall-faċilità ta' l-iskart, inkluż kull sit alternattiv possibbli;

(*ċ*) il-pjan ta' maniġġar ta' skart skond ir-regolament 18; u

(*d*) kull informazzjoni oħra rilevanti mitluba mill-awtorità kompetenti.

(4) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika l-format li fih informazzjoni bħal dik għandha ssir disponibbli.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess biss jekk tkun sodisfatta li:

(*a*) l-operatur jikkonforma mal-ħtiġiet rilevanti skond dawn ir-regolamenti;

(*b*) l-immaniġġar ta' l-iskart ma jkunx f'konflitt dirett jew b'xi mod ieħor ifixkel l-implimentazzjoni tal-pjan jew pjanijiet ta' maniġġar ta' l-iskart rilevanti msemmija fir-Regolamenti dwar l-Iskart.

L.S. 549.63

(6) L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra mill-ġdid u, fejn meħtieġ, taġġorna il-kondizzjonijiet tal-permess perjodikament:

(*a*) fejn ikun hemm tibdiliet sostanzjali fl-operat tal-faċilità ta' l-iskart jew fl-iskart depożitat;

(*b*) fuq bażi ta' spezzjonijiet imwettqa skond ir-regolament 29;

(*ċ*) fil-każ ta' skambju ta' informazzjoni dwar tibdil sostanzjali fl-aqwa tekniki disponibbli.

(7) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli skond ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent:

L.S. 549.39

Iżda l-informazzjoni f'permess mogħti skond dawn ir-regolamenti għandha titqiegħed għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-istatistika kompetenti kemm nazzjonali kemm tal-Komunità fejn mitluba għal finijiet ta' statistika:

Iżda wkoll informazzjoni sensittiva ta' natura purament kummerċjali, bħal informazzjoni dwar relazzjonijiet kummerċjali u komponenti ta' spiża u l-volum ta' riżervi minerali ekonomiċi, ma għandhiex issir pubblika.

Pjan ta' maniġġar ta' l-iskart.

**18.** (1) L-operatur għandu jfassal pjan ta' maniġġar ta' skart għal tnaqqis, trattament, irkupru u rimi ta' skart ta' l-estrazzjoni.

(2) L-għanijiet tal-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart għandhom ikunu:

(*a*) il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-produzzjoni ta' l-iskart u l-ħsara tiegħu, b'mod partikolari billi jiġi kunsidrat:

(i) l-immaniġġar ta' l-iskart fil-fażi ta' l-ippjanar u fl-għażla tal-metodu użat għall-estrazzjoni u t-trattament tal-minerali;

(ii) it-tibdil li l-iskart ta' l-estrazzjoni jista' ikun soġġett għalihom f'konnessjoni ma' żieda fil-firxa ta' l-art u fl-espożizzjoni għall-kondizzjonijiet fuq l-art;

(iii) irdim fi spazji mħaffra, kemm jekk saru permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, wara l-estrazzjoni tal-minerali, sa fejn hu teknikament u ekonomikament possibbli u ambjentalment sigur skond l-i*standards* ambjentali eżistenti Maltin jew tal-Komunità u, fejn rilevanti, skond ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti;

(iv) it-tqegħid tal-ħamrija tal-wiċċ lura f'postha wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart jew, jekk dan mhux possibbli b'mod prattiku, l-użu mill-ġdid tal-ħamrija tal-wiċċ x'imkien ieħor;

(v) l-użu ta' sustanzi inqas perikolużi għat-trattament tar-riżorsi minerali;

(*b*) jitħeġġeġ l-irkupru ta' skart ta' estrazzjoni permezz tar-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid jew l-irkupru ta' tali skart, fejn dan hu ambjentalment sigur skond l-i*standards* ambjentali eżistenti Maltin jew tal-Komunità u, fejn rilevanti, skond ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti;

(*ċ*) li jiżgura rimi mhux perikoluż ta' l-iskart ta' estrazzjoni għal perjodu qasir u fit-tul, b'mod partikolari billi jitqies, waqt il-fażi ta' l-ippjanar, l-immaniġġar waqt l-operazzjoni u wara l-għeluq ta' faċilità ta' l-iskart u billi jintgħażel disinn li:

(i) jeħtieġ ammont minimu u, jekk hu possibbli, fl-aħħar mill-aħħar mingħajr ebda monitoraġġ, kontroll u maniġġar tal-faċilità magħluqa;

(ii) jipprevjeni jew għall-inqas jimminimizza kull effett negattiv fuq perjodu ta' żmien twil, per eżempju li jista' jiġi attribwit għall-migrazzjoni ta' pollutanti fl-arja jew fl-ilma mill-faċilità ta' l-iskart; u

(iii) tiġi żgurata l-istabbilità ġeoteknika fuq żmien twil ta' kull diga jew munzelli aktar għoljin mill-wiċċ ta' l-art diġà eżistenti.

(3) Il-pjan ta' maniġġar ta' l-iskart għandu jkun fih mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(*a*) il-klassifikazzjoni proposta għall-faċilità ta' l-iskart skond il-kriterji stabbiliti fir-regolament 6 u biżżejjed informazzjoni li tiġġustifika li faċilità ta' l-iskart Kategorija A mhix meħtieġa, inkluża identifikazzjoni ta' perikli possibbli ta' inċident;

(*b*) karatterizzazzjoni ta' l-iskart skond l-Iskeda II u dikjarazzjoni ta' l-istima tal-kwantitajiet totali ta' skart ta' estrazzjoni li għandhom jiġu prodotti waqt il-fażi operazzjonali;

(*ċ*) deskrizzjoni ta’ l-operazzjoni li tiġġenera skart bħal dak u ta’ kull trattament sussegwenti li hu suġġett għalih;

(*d*) deskrizzjoni ta’ kif l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem jistgħu jiġu affettwati b’mod negattiv mid-depożitu ta’ tali skart u l-miżuri preventivi li għandhom jittieħdu sabiex jiġi mnaqqas l-impatt ambjentali waqt l-operazzjoni u wara l-għeluq, inklużi l-aspetti msemmija fir-regolament 19(*a*), (*b*), (*d*) u (*e*);

(*e*) il-proċeduri ta’ kontroll u ta’ monitoraġġ proposti skond ir-regolament 19(*ċ*);

L.S. 423.20

(*f*) miżuri għall-prevenzjoni tad-deterjorament ta’ l-istat ta’ l-ilma skond ir-Regolamenti dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta’ l-Ilma u għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tat-tniġġis ta’ l-arja u tal-ħamrija skond ir-regolament 20;

(*g*) stħarriġ dwar il-kondizzjoni ta’ l-art li ser tkun affettwata mill-faċilità ta’ skart;

(*h*) kull informazzjoni rilevanti oħra mitluba mill-awtorità kompetenti.

(4) Il-pjan ta’ maniġġar ta’ l-iskart għandu jipprovdi biżżejjed informazzjoni sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista’ tivvaluta l-kapaċità ta’ l-operatur li jilħaq l-għanijiet tal-pjan ta’ maniġġar ta’ l-iskart kif stabbiliti fis-subregolament (2) u l-obbligi tiegħu skond dawn ir-regolamenti. B’mod partikolari, il-pjan għandu jispjega kif l-għażla u l-metodu magħżula kif imsemmi fis-subregolament (2)(*a*)(i) ser jilħqu l-oġġettiv tal-pjan għall-maniġġar ta’ l-iskart kif stipulat fis-subregolament (2)(*a*).

(5) L-awtorità kompetenti tista’ tispeċifika l-format ta’ kif għandha tkun disponibbli informazzjoni bħal dik.

L.S. 549.39

(6) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli skond ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta’ Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

(7) Il-pjan ta’ maniġġar ta’ l-iskart għandu jiġi rivedut kull ħames snin u, jew emendat, kif xieraq, fil-każ ta’ tibdiliet sostanzjali fl-operat tal-faċilità ta’ l-iskart jew fl-iskart depożitat. Kull emenda għandha tiġi notifikata lill-awtorità kompetenti.

(8) Pjanijiet maħruġa skond liġijiet oħrajn Maltin jew tal-Komunità u li fihom l-informazzjoni speċifikata fis-subregolament (3) jistgħu jintużaw fejn dan jevita d-duplikazzjoni mhux meħtieġa ta’ informazzjoni u r-ripetizzjoni tax-xogħol mill-operatur, bil-kondizzjoni li r-rekwiżiti kollha skond is-subregolamenti (1), (2), (3), (4) u (7) jiġu milħuqa.

(9) L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-pjan ta’ maniġġar ta’ l-iskart fuq bażi tal-proċeduri li għandhom jiġu deċiżi mill-awtorità kompetenti u għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu.

**19.** Waqt bini ta' faċilità ta' l-iskart ġdida jew modifikazzjoni ta' faċilità ta' l-iskart eżistenti, l-operatur għandu jiżgura li:

Kostruzzjoni u amministrazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-iskart.

(*a*) il-faċilità ta' l-iskart tinsab f'post adegwat, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-obbligi Maltin u tal-Komunità relatati ma' nħawi protetti, u ta' fatturi ġeoloġiċi, idroloġiċi, idroġeoloġiċi, sismiċi u ġeotekniċi, u tkun ippjanata b'mod li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex, fil-perspettivi għall-perjodu qasir u għall-perjodu fit-tul, jiġi evitat t-tniġġis tal-ħamrija, ta' l-arja, ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art, u filwaqt li jitqiesu b'mod speċjali r-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta' l-Ilma, ir-Regolamenti għall-Ħarsien ta' l-Ilma ta' l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikolużi, u r-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, u filwaqt li jiġi żgurat il-ġbir effiċjenti ta' l-ilma kontaminat u ta' l-lissija kif u meta meħtieġ skond il-permess, u t-tnaqqis ta' l-erożjoni kaġunata mill-ilma jew mir-riħ sakemm ikun teknikament possibbli u ekonomikament vijabbli;

L.S. 549.10

L.S. 423.16

L.S. 423.20

(*b*) il-faċilità ta' l-iskart tkun mibnija, immexxija u miżmuma b'mod xieraq sabiex tkun żgurata l-istabbilità fiżika tagħha u sabiex ikun evitat it-tniġġis jew kontaminazzjoni tal-ħamrija, ta' l-arja, ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art fil-perspettivi għall-perjodu qasir u għall-perjodu fit-tul kif ukoll tiġi minimizzata sa fejn possibbli l-ħsara lill-pajsaġġ;

(*ċ*) ikun hemm pjanijiet u arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ u l-ispezzjoni regolari tal-faċilità ta' l-iskart minn persuni kompetenti u sabiex tittieħed azzjoni fil-każ li r-riżultati jindikaw instabbilità jew tniġġis ta' l-ilma jew tal-ħamrija:

Iżda għandhom jinżammu reġistri tal-monitoraġġ u l-ispezzonijiet, flimkien mad-dokumentazzjoni dwar il-permess sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni tingħadda b'mod xieraq, partikolarment fil-każ ta' bdil ta' l-operatur;

(*d*) isiru arranġamenti xierqa għar-riabilitazzjoni ta' l-art u għall-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart;

(*e*) isiru arranġamenti xierqa għall-fażi ta' wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart.

**20.** (1) L-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jilħaq l-i*standards* ambjentali Maltin u tal-Komunità, b'mod partikolari, skond ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, biex jipprevjeni d-deterjorament ta' l-istat attwali ta' l-ilma, *inter alia* billi:

Prevenzjoni tad-deterjorament ta' l-istat ta' l-ilma, tniġġis ta' l-arja u tal-ħamrija. L.S. 423.20

(*a*) jivvaluta l-potenzjal ta' ġenerazzjoni tal-lissija, inkluż il-kontenut kontaminanti tal-lissija, ta' l-iskart depożitat matul il-fażi kemm operattiva kif ukoll dik

ta' wara l-għeluq tal-faċilità ta' l-iskart, u jiddetermina l-bilanċ ta' l-ilma tal-faċilità ta' l-iskart;

(*b*) jevita jew jimminimizza l-ġenerazzjoni tal-lissija u li l-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ u l-ħamrija jiġu kontaminati mill-iskart; u

(*ċ*) jiġbor u jittratta l-ilma kkontaminat u l-lissija miġbura mill-faċilità ta' l-iskart sabiex jilħqu l-i*standard* xieraq meħtieġ għall-iskargar tagħhom.

(2) L-operatur għandu jieħu miżuri xierqa sabiex jevita jew inaqqas l-emissjonijiet ta' trab u ta' gass.

L.S. 549.10
L.S. 423.16
L.S. 423.20

(3) Fejn, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji ambjentali, filwaqt li jitqiesu, partikolarment, ir-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta' l-Ilma, ir-Regolamenti għall-Ħarsien ta' l-Ilma ta' l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikolużi, jew ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, kif applikabbli, l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li l-ġbir u t-trattament tal-lissija mhux meħtieġa jew ikun ġie stabbilit li l-faċilità ta' l-iskart ma toħloq ebda perikli potenzjali għall-ħamrija, l-ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ, ir-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolament (1)(*b*) u (*ċ*) jistgħu jitnaqqsu jew jitneħħew skond dan.

## TAQSIMA VI

## INVENTARJU TA' FAĊILITAJIET TA' L-ISKART MAGĦLUQA

Inventarju ta' faċilitajiet ta' l-iskart magħluqa.

**21.** L-awtorità kompetenti għandha tħejji inventarju, li jiġi perjodikament aġġornat, tal-faċilitajiet ta' l-iskart magħluqa, inklużi faċilitajiet ta' l-iskart abbandunati, li jikkaġunaw impatti negattivi ambjentali serji jew li għandhom il-potenzjal li fil-perjodu medju jew qasir ikunu ta' theddid serju għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-ambjent:

Iżda tali inventarju, li għandu jkun disponibbli għall-pubbliku, għandu jitwettaq sa l-1 ta' Mejju, 2012.

## TAQSIMA VII

## RDIM TA' SPAZJI MĦAFFRA

Applikazzjoni u permess.

**22.** (1) L-ebda spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, m'għandu jitħalla jintradam mingħajr permess mogħti mill-awtorità kompetenti.

(2) Il-permess għandu jkun fih l-elementi speċifikati fis-subregolament (3):

Iżda, bla ħsara għal konformità mar-rekwiżiti kollha skond dan ir-regolament, kull permess prodott skond il-leġislazzjoni Maltija jew tal-Komunità jista' jiġi mgħaqqad sabiex jifforma permess wieħed, fejn tali format jevita d-duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' informazzjoni u r-ripetizzjoni ta' xogħol mill-operatur jew l-awtorità kompetenti:

Iżda wkoll, id-dettalji speċifikati fis-subregolament (3)

jistgħu jiġu koperti minn permess uniku jew bosta permessi, sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha taħt dan ir-regolament.

(3) L-applikazzjoni għal permess għandu jkun fiha mill-inqas id-dettalji li ġejjin:

(*a*) l-identità ta' l-operatur;

(*b*) il-lok ta' l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art;

(*ċ*) il-pjan ta' rdim skond ir-regolament 23; u

(*d*) kull informazzjoni oħra meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

(4) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika f'liema format tali informazzjoni għandha tkun disponibbli.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess biss jekk hi sodisfatta li:

(*a*) l-operatur jikkonforma mal-ħtiġiet rilevanti skond dawn ir-regolamenti;

(*b*) l-irdim fi spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, ma jkunx f'konflitt dirett jew b'xi mod ieħor ifixkel l-implimentazzjoni tal-pjan jew pjanijiet ta' maniġġar ta' l-iskart relevanti msemmija fir-regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar l-Iskart. L.S. 549.63

(6) L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra mill-ġdid u, fejn meħtieġ, taġġorna il-kondizzjonijiet għall-permess perjodikament:

(*a*) fejn ikun hemm tibdiliet sostanzjali fl-irdim fi spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, jew ir-radam;

(*b*) abbażi ta' spezzjonijiet imwettqa skond ir-regolament 29;

(*ċ*) fid-dawl ta' skambju ta' informazzjoni dwar tibdiliet sostanzjali fl-aqwa tekniki disponibbli.

(7) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli skond ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent: L.S. 549.39

Iżda l-informazzjoni f'permess mogħti skond dawn ir-regolamenti għandha titqiegħed għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-istatistika kompetenti kemm nazzjonali kif ukoll tal-Komunità fejn mitluba għal finijiet ta' statistika:

Iżda wkoll informazzjoni sensittiva ta' natura purament kummerċjali, bħal informazzjoni dwar relazzjonijiet kummerċjali u komponenti ta' spiża u l-volum ta' riżervi minerali ekonomiċi, ma għandhiex issir pubblika.

Pjan ta' rdim.

**23.** (1) L-operatur għandu jfassal pjan ta' rdim għall-irdim fi spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq

wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art.

(2) L-għanijiet tal-pjan ta' rdim għandhom ikunu:

(*a*) sabiex jiżguraw illi l-irdim fi spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, jsir skond l-i*standards* ambjentali eżistenti Maltin jew tal-Komunità u, fejn rilevanti, skond ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti; u

(*b*) sabiex iħeġġu l-irkupru ta' materjal permezz ta' rdim, ambjentalment sigur skond l-i*standards* ambjentali eżistenti Maltin jew tal-Komunità u, fejn rIlevanti, skond ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-pjan ta' rdim għandu jkun fih mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(*a*) deskrizzjoni ta' kif l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv mill-irdim fi spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, inkluż it-trasferiment ta' kostruzzjonijiet temporanji, u l-miżuri preventivi li għandhom jittieħdu sabiex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali waqt l-operazzjoni u wara l-għeluq, inklużi l-aspetti msemmija fir-regolament 24(*a*), (*b*), (*d*) u (*e*);

(*b*) il-proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ proposti skond ir-regolamenti 24, 25, 26 u 27, fejn applikabbli;

(*ċ*) il-pjan propost għall-għeluq, inklużi r-riabilitazzjoni, il-proċeduri ta' wara l-għeluq u l-monitoraġġ kif previst fir-regolament 26;

L.S. 423.20

(*d*) miżuri għall-prevenzjoni tad-deterjorament ta' l-istat ta' l-ilma skond ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma u għall-prevenzjoni jew il-minimizzazzjoni tat-tniġġis ta' l-arja u tal-ħamrija skond ir-regolament 25;

(*e*) stħarriġ dwar il-kondizzjoni ta' l-art li ser tkun affettwata mill-irdim;

(*f*) kull informazzjoni rilevanti oħra mitluba mill-awtorità kompetenti.

(4) Il-pjan ta' rdim għandu jipprovdi biżżejjed informazzjoni sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta l-kapaċità ta' l-operatur li jilħaq l-għanijiet tal-pjan ta' rdim kif stabbiliti fis-subregolament (2) u l-obbligi tiegħu skond dawn ir-regolamenti.

(5) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika l-format ta' kif għandha tkun disponibbli dik l-informazzjoni.

L.S. 549.39

(6) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli skond ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

(7) Pjanijiet maħruġa skond liġijiet Maltin jew tal-Komunità oħrajn u li fihom l-informazzjoni speċifikata fis-subregolament (3) jistgħu jintużaw fejn dan jevita d-duplikazzjoni mhux meħtieġa ta'

informazzjoni u r-ripetizzjoni tax-xogħol mill-operatur, bil-kondizzjoni li r-rekwiżiti kollha skond is-subregolamenti (1), (2), (3) u (4) jiġu milħuqa.

(8) L-awtorità kompetenti għandha tapprova l-pjan ta' rdim abbażi tal-proċeduri li għandhom jiġu deċiżi mill-awtorità kompetenti u għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu.

Kostruzzjoni u amministrazzjoni ta' spazji mħaffra.

**24.** Fl-irdim fi spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, l-operatur għandu jiżgura li:

(*a*) l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, jinsab f'post adegwat, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-obbligi Maltin u tal-Komunità relatati ma' nħawi protetti, u ta' fatturi ġeoloġiċi, idroloġiċi, idroġeoloġiċi, sismiċi u ġeotekniċi, u jkun mirdum b'mod li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex, fil-perspettivi għall-perjodu qasir u għall-perjodu fit-tul, jiġi evitat t-tniġġis tal-ħamrija, ta' l-arja, ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art, u filwaqt li jitqiesu b'mod speċjali r-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta' l-Ilma, ir-Regolamenti għall-Ħarsien ta' l-Ilma ta' l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikolużi, u r-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, u filwaqt li jiġi żgurat il-ġbir effiċjenti ta' l-ilma kontaminat u tal-lissija kif u meta meħtieġ skond il-permess, u t-tnaqqis ta' l-erożjoni kaġunata mill-ilma jew mir-riħ sakemm ikun teknikament possibbli u ekonomikament vijabbli;

L.S. 549.10

L.S. 423.15

L.S. 423.20

(*b*) l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, jkun mirdum b'mod xieraq sabiex tkun żgurata l-istabbilità fiżika tagħha u sabiex ikun evitat it-tniġġis jew kontaminazzjoni tal-ħamrija, ta' l-arja, ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art fil-perspettivi għall-perjodu qasir u għall-perjodu fit-tul kif ukoll tiġi minimizzata sa fejn possibbli l-ħsara lill-pajsaġġ; u

(*ċ*) ikun hemm pjanijiet u arranġamenti xierqa għall-monitoraġġ u l-ispezzjoni regolari ta' l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, minn persuni kompetenti u sabiex tittieħed azzjoni fil-każ li r-riżultati jindikaw instabbilità jew tniġġis ta' l-ilma jew tal-ħamrija:

Iżda għandhom jinżammu reġistri tal-monitoraġġ u l-ispezzonijiet, flimkien mad-dokumentazzjoni dwar il-permess sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni tingħadda b'mod xieraq, partikolarment fil-każ ta' bdil ta' l-operatur;

(*d*) isiru arranġamenti xierqa għar-riabilitazzjoni ta' l-art u għall-għeluq ta' l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar

permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art; u

(*e*) isiru arranġamenti xierqa għall-fażi ta' wara l-għeluq ta' l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art.

Prevenzjoni tad-deterjorament ta' l-istat ta' l-ilma, tniġġis ta' l-arja u tal-ħamrija.
L.S. 423.20

**25.** (1) L-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jilħaq l-i*standards* ambjentali Maltin u tal-Komunità, b'mod partikolari, skond ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, biex jipprevjeni d-deterjorament ta' l-istat attwali ta' l-ilma, *inter alia* billi:

(*a*) jivvaluta l-potenzjal ta' ġenerazzjoni tal-lissija, inkluż il-kontenut kontaminanti tal-lissija, tar-radam matul il-fażi kemm operattiva kif ukoll dik ta' wara l-għeluq ta' l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, u jiddetermina l-bilanċ ta' l-ilma ta' l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art;

(*b*) jevita jew jimminimizza l-ġenerazzjoni tal-lissija u li l-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ u l-ħamrija jiġu kontaminati mir-radam; u

(*ċ*) jiġbor u jittratta l-ilma kkontaminat u l-lissija miġbura mill-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, sabiex jilħqu l-i*standard* xieraq meħtieġ għall-iskargar tagħhom.

L.S. 549.10
L.S. 423.16
L.S. 423.20

(2) Fejn, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji ambjentali, filwaqt li jitqiesu, partikolarment, ir-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta' l-Ilma, ir-Regolamenti għall-Ħarsien ta' l-Ilma ta' l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikolużi, jew ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma, kif applikabbli, l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li l-ġbir u t-trattament tal-lissija mhux meħtieġa jew ikun ġie stabbilit li l-irdim fi spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, ma joħloq ebda perikli potenzjali għall-ħamrija, l-ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ, ir-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolament (1)(*b*) u (*ċ*) jistgħu jitnaqqsu jew jitneħħew skond dan.

(3) Meta jsir irdim fi spazji mħaffra, kemm jekk saru permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, li jkunu ser jitħallew jegħrqu wara l-għeluq, l-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevjeni jew jimminimizza d-deterjorazzjoni ta' l-istatus ta' l-ilma u t-tniġġis tal-ħamrija skond, *mutatis mutandis*, is-subregolamenti (1) u (2).

L.S. 423.20

Iżda l-operatur għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni neċessarja biex tiżgura li jiġu eżegwiti l-obbligi Maltin u tal-Komunità b'mod partikolari dawk imsemmija fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma.

**26.** (1) L-operatur għandu jkun responsabbli għall-manutenzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-miżuri korrettivi fil-fażi ta’ wara l-għeluq sakemm ikun meħtieġ mill-awtorità kompetenti, waqt li tiqies in-natura u d-dewmien tal-periklu, ħlief fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tassumi dawn id-doveri ta’ l-operatur, wara li spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta’ estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, ikun definittivament ingħalaq u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe leġislazzjoni Maltija jew tal-Komunità li tirregola r-responsabbiltajiet tad-detentur ta’ l-iskart. Proċeduri ta’ għeluq u ta’ wara l-għeluq għal spazji mħaffra.

(2) Fejn meqjus xieraq mill-awtorità kompetenti, sabiex jitwettqu ir-rekwiżiti ambjentali rilevanti skond leġislazzjoni Maltija u tal-Komunità, partikolarment, ir-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta’ Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta’ l-Ilma, ir-Regolamenti għall-Ħarsien ta’ l-Ilma ta’ l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikolużi, u ir-Regolamenti dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta’ l-Ilma, wara għeluq ta’ spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta’ estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, l-operatur għandu, *inter alia*, jikkontrolla l-istabbilità fiżika u kimika ta’ l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta’ estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, u jimminimizza kwalunkwe effett ambjentali negattiv, partikolarment fir-rigward ta’ l-ilma tal-wiċċ u ta’ taħt l-art, billi jiżgura li: L.S. 549.10 L.S. 423.16 L.S. 423.20

(*a*) l-istrutturi kollha li għandhom x’jaqsmu ma’ l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta’ estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, huma sorveljati u kkonservati, b’apparat ta’ kontroll u ta’ kejl dejjem lest għall-użu; u

(*b*) fejn applikabbli, il-kanali u l-passaġġi ta’ tifwir għandhom jinżammu nodfa u liberi.

PARTI VIII

RIMI F’KORP TA’ L-ILMA LI JIRĊIEVI

**27.** Ir-rimi ta’ skart ta’ estrazzjoni, kemm f’forma solida, likwida jew tajn fi kwalunkwe korp ta’ ilma li jirċievi barra minn wieħed mibni għall-iskop li jintrema skart ta’ estrazzjoni, għandu jsir bil-kondizzjoni li l-operatur jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta’ Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta’ l-Ilma, ir-Regolamenti għall-Ħarsien ta’ l-Ilma ta’ l-Art mit-Tniġġis kaġunat minn xi Sustanzi Perikolużi, u r-Regolamenti dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta’ l-Ilma. Rimi ta’ skart ta’ estrazzjoni fi kwalunkwe korp ta’ ilma li jirċievi. L.S. 549.10 L.S. 423.16 L.S. 423.20

PARTI VIII

INFURZAR

**28.** (1) Qabel ma jibdew l-operazzjonijiet ta’ depożitu u, wara dan, f’intervalli regolari, inkluża l-fażi ta’ wara l-għeluq, li jiġu deċiżi mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tispezzjona kwalunkwe faċilità ta’ l-iskart koperta bir-regolament 9 jew 16 jew 17 sabiex tiżgura li tikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti tal-permess: Spezzjonijiet ta’ faċilitajiet ta’ l-iskart mill-awtorità kompetenti.

Iżda riżultat affermattiv ma għandu b'ebda mod inaqqas mir-responsabbiltà ta' l-operatur taħt il-kondizzjonijiet tal-permess.

(2) L-operatur għandu jżomm reġistri aġġornati ta' l-operazzjonijiet kollha dwar il-maniġġar ta' l-iskart u jagħmilhom disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtorità kompetenti.

(3) F'każ ta' bidla ta' l-operatur matul l-amministrazzjoni ta' faċilità ta' l-iskart, l-operatur għandu jiżgura li jkun hemm trasferiment xieraq ta' l-informazzjoni u r-reġistri aġġornati rilevanti li għandhom x'jaqsmu mal-faċilità ta' l-iskart.

Spezzjonijiet ta' spazji mħaffra mill-awtorità kompetenti.

**29.** (1) Qabel ma jibdew l-operazzjonijiet ta' depożitu u, wara dan, f'intervalli regolari, inkluża l-fażi ta' wara l-għeluq, li jiġu deċiżi mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tispezzjona kwalunkwe spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, kopert bir-regolament 22 sabiex tiżgura li jikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti tal-permess:

Iżda riżultat affermattiv ma għandu b'ebda mod inaqqas mir-responsabbiltà ta' l-operatur taħt il-kondizzjonijiet tal-permess.

(2) L-operatur għandu jżomm reġistri aġġornati ta' l-operazzjonijiet kollha ta' rdim u jagħmilhom disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtorità kompetenti.

(3) F'każ ta' bidla ta' l-operatur matul rdim ta' spazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art, l-operatur għandu jiżgura li jkun hemm trasferiment xieraq ta' l-informazzjoni u r-reġistri aġġornati rilevanti li għandhom x'jaqsmu ma' l-ispazju mħaffer, kemm jekk sar permezz ta' estrazzjoni minn fuq wiċċ l-art kif ukoll minn taħt l-art.

Reati kontra dawn ir-regolamenti.

**30.** Persuna tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk:

(*a*) tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma ruħha mal-kondizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni mogħtija legalment skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(*b*) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposti minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(*ċ*) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(*d*) tikkonfoffa jew tipprova, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'kull mezz, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' parir jew ġegħil, biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi disposizzjonijiet simili, inkluża xi ordni mogħtija legalment skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti msemmija.

**31.** Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel: Pieni.

(*a*) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħ u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

(*b*) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75), jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda kull meta persuna tinstab ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti permezz ta' vettura, is-sid ta' dik il-vettura, fejn applikabbli, jeħel bl-istess mod u grad:

Iżda wkoll il-qorti tista' tordna lil kull min ikun instab ħati li għamel reat kontra dawn ir-regolamenti li jħallas dawk l-ispejjeż li l-awtorità kompetenti msemmija f'dawn ir-regolamenti tkun għamlet bħala riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, inkluż il-vettura, jekk applikabli.

**32.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi li l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità ma għandha f'ebda każ tkun għal żmien inqas minn sena. Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali. Kap. 9.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti. Kap. 9.

SKEDA 1

(Regolament 8)

Politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u informazzjoni li trid tiġi komunikata lill-pubbliku konċernat

1. Politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri

Il-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u s-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà ta' l-operatur għandhom ikunu proporzjonati għall-perikli ta' inċidenti maġġuri li toħloq il-faċilità ta' l-iskart. Għall-iskop li jiġu implimentati, għandhom jitqiesu l-elementi li ġejjin:

(1) il-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta' azzjoni ta' l-operatur fir-rigward tal-kontroll ta' perikli ta' inċidenti maġġuri;

(2) is-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà għandha tinkludi l-parti tas-sistema ta' amministrazzjoni ġenerali li tinkludi l-istruttura ta' organizzazzjoni, ir-responsabbiltajiet, il-prattiċi, il-proċeduri, il-proċessi u r-riżorsi sabiex tiġi determinata u implimentata l-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri;

(3) il-kwistjonijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati mis-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà:

(*a*) l-organizzazzjoni u l-persunal - ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal involut fl-amministrazzjoni ta' perikli prinċipali fil-livelli kollha fl-organizzazzjoni; l-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ ta' tali persunal u l-forniment tat-taħriġ identifikat b'dan il-mod; u l-involviment ta' l-impjegati u, fejn xieraq, tas-sotto-kuntratturi;

(*b*) l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' perikli maġġuri - l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri sabiex jiġu identifikati b'mod sistematiku l-perikli maġġuri li jinħolqu minn operazjonijiet normali u mhux normali u l-valutazzjoni tal-probabbiltà u tas-severità tagħhom;

(*ċ*) kontroll operazzjonali - l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-proċeduri u l-istruzzjonijiet għall-operazzjoni sigura, inklużi l-manutenzjoni ta' l-impjant, tal-proċessi, tat-tagħmir u l-waqfiet temporanji;

(*d*) l-amministrazzjoni ta' bidliet - l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-ippjanar ta' modifiki f'faċilitajiet ta' l-iskart ġodda jew għad-disinn tagħhom;

(*e*) l-ippjanar għal każijiet ta' emerġenza - l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri sabiex jiġu identifikati emerġenzi prevedibbli b'analiżi sistematika u sabiex jiġu ppreparati, ittestjati u riveduti pjanijiet ta' emerġenza biex iwieġbu għal tali emerġenzi;

(*f*) il-monitoraġġ tal-funzjonament - l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-valutazzjoni kontinwa tal-konformità ma' l-għanijiet stabbiliti mill-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u s-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà ta' l-operatur, u l-mekkaniżmi għall-investigazzjoni u għall-azzjoni korrettiva fil-każ ta' non-konformità. Il-proċeduri għandhom ikopru s-sistema ta' l-operatur li tirrapporta inċidenti maġġuri jew li kważi seħħew, partikolarment dawk li jinvolvu l-

falliment ta' miżuri protettivi, u l-investigazzjoni u monitoraġġ tagħhom abbażi tal-lezzjonijiet meħuda;

(*g*) il-verifika u r-reviżjoni - l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-valutazzjoni sistematika u perjodika tal-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti maġġuri u l-effikaċja u l-adegwatezza tas-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà; ir-reviżjoni dokumentata tal-funzjonament tal-politika u s-sistema ta' amministrazzjoni tas-sigurtà u l-aġġornament tagħha mill-persunal amministrattiv għoli.

2. Informazzjoni li trid tiġi komunikata lill-pubbliku konċernat

1. Isem ta' l-operatur u l-indirizz tal-faċilità ta' l-iskart.

2. Identifikazzjoni, skond il-pożizzjoni okkupata, tal-persuna li tipprovdi l-informazzjoni.

3. Il-konferma li l-faċilità ta' l-iskart hi soġġetta għal dawn ir-regolamenti u, meta applikabbli, li l-informazzjoni rilevanti għall-elementi msemmija fir-regolament 8(2) ġiet ippreżentata lill-awtorità kompetenti.

4. Spjegazzjoni bi kliem ċar u sempliċi ta' l-attività jew attivitajiet li ssir/jsiru fuq is-sit.

5. L-ismijiet komuni jew l-ismijiet ġeneriċi jew il-klassifikazzjoni ta' periklu ġenerali tas-sustanzi u tal-preparati involuti fil-faċilità ta' l-iskart kif ukoll ta' l-iskart li jista' jagħti lok għal inċidenti maġġuri, b'indikazzjoni tal-karatteristiċi perikolużi prinċipali tagħhom.

6. L-informazzjoni ġenerali dwar in-natura tal-perikli ta' inċidenti maġġuri, inkluż l-effetti potenzjali tagħhom fuq il-popolazzjoni u l-ambjent tal-madwar.

7. Informazzjoni adegwata dwar kif il-popolazzjoni konċernata tal-madwar għandha tiġi avżata u tinżamm infurmata f'każ ta' inċident maġġuri.

8. Informazzjoni adegwata dwar l-azzjonijiet li l-popolazzjoni konċernata għandha tieħu, u dwar l-imġieba li għandha tadotta f'każ ta' inċident maġġuri.

9. Konferma li l-operatur hu meħtieġ jagħmel arranġamenti xierqa fuq is-sit, partikolarment flimkien mas-servizzi ta' emerġenza, sabiex ikun jista' jiffaċċja inċidenti maġġuri u jimminimizza l-effett tagħhom.

10. Referenza għall-pjan ta' emerġenza estern imfassal sabiex ilaħħaq ma' kwalunkwe effetti barra mis-sit minn inċident. Dan għandu jinkludi parir sabiex ikun hemm koperazzjoni ma' kwalunkwe istruzzjonijiet jew talbiet mis-servizzi ta' emerġenza fil-ħin ta' inċident.

11. Dettalji ta' fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni rilevanti, bla ħsara għall-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' Malta.

## SKEDA 2

(Regolamenti 7(3)(*b*) u 18(3)(*b*))

Karatterizzazzjoni ta' l-iskart

L-iskart li għandu jiġi depożitat f'faċilità għandu jkun karatterizzat b'tali mod li tkun garantita għall-perjodu fit-tul l-istabbilità fiżika u kimika ta' l-istruttura tal-faċilità u li jiġu evitati inċidenti maġġuri. Il-karatterizzazzjoni ta' l-iskart għandha tinkludi, fejn xieraq u skond il-kategorija tal-faċilità ta' skart, l-aspetti li ġejjin:

1. deskrizzjoni tal-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi mistennija ta' l-iskart li ser ikun depożitat fil-perjodu qasir u dak fit-tul, b'referenza partikolari għall-istabbilità tiegħu taħt il-kondizzjonijiet atmosferiċi/meteoroloġiċi fil-wiċċ, filwaqt li jitqies it-tip ta' mineral jew minerali li jridu jiġu estratti u n-natura ta' kull minerali fis-saff ta' kopertura u/jew ta' kull minerali superfluwi li se jinqalgħu waqt il-ħidmiet ta' estrazzjoni;
2. klassifikazzjoni ta' l-iskart skond l-annotazzjoni rilevanti fir-Regolamenti għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis, b'konsiderazzjoni partikolari għall-karatteristiċi perikolużi tiegħu;
3. deskrizzjoni tas-sustanzi kimiċi li jridu jintużaw waqt it-trattament tar-riżorsa minerali u l-istabbilità tagħhom;
4. deskrizzjoni tal-metodu ta' depożitu;
5. is-sistema ta' trasport ta' l-iskart li trid tintuża.

---

## SKEDA 3

(Regolament 6(1))

Kriterji sabiex tiġi determinata l-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-iskart

Faċilità ta' l-iskart għandha tiġi klassifikata fil-kategorija A jekk:

1. ħsara jew operazzjoni ħażina, per eżempju l-kollass ta' borġ jew iċ-ċediment ta' diga, tista' tikkaġuna inċident maġġuri, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju filwaqt li jitqiesu l-fatturi bħad-daqs preżenti jew futur, il-lok u l-impatt ambjentali tal-faċilità ta' l-iskart; jew
2. ikollha skart li jkun klassifikat bħala perikoluż taħt ir-Regolamenti għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis 'il fuq minn ċertu limitu; jew
3. ikollha sustanzi jew preparati li jkunu klassifikati bħala perikolużi taħt ir-Regolamenti dwar Sustanzi u Preparamenti Perikolużi 'l fuq minn ċertu limitu.

---